## 28 ta' April, 1956

## Imħallef:

## Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Avukat Dr. Antonio Caruana *versus* Luigi Scioluna

## Sekwestru — Nullità — Inġunzjoni għad-Depożitu — Nota ta' Osservazzjonijiet — Dokumenti — Art. 380 (3) tal-Kap. 15.

*Is-sekwestratarju, għad li ma għandu ebda obligu jiddepożita qabel ma jirċievi l-intima biex jiddepożita, jista' però jiddepożita, jekk irid; u d-depożitu għandu jsir fil-Qorti li tkun ordnat il-ħruġ tas-sekwestru. Konsegwentement, mhux aċċettabbli gravam tas-sekwestrat fis-sens li s-sekwestratarju jmissu astjena mid-depożitu sakemm ma rċeviex l-inġunzjoni biex jiddepożita, speċjalment għax bid-depożitu ta' somma żgħira f'Qorti Superjuri dik is-somma tiġi konsiderrevolment assottiljata bid-diffalk tal-ispejjeż; għax meta għamel id-depożitu, dak is-sekwestratarju ipprevalixxa ruħu minn dritt li tagħtieh il-liġi, u la s-sekwestru inħareġ minn Qorti Superjuri, huwa ma kienx liberu jiddepożita fejn jagħżel hu, imma kellu jiddepożita fil-Qorti li ħarġet is-sekwestru.*

*Il-Qorti mhix tenuta taċċetta noti ta' osservazzjonijiet, speċjalment meta l-permess biex tiġi preżentata nota ta' osservazzjonijiet jiġi mitlub wara li t-trattazzjoni tal-kawża kienet konkjuża.*

*Id-depożitu li jagħmel is-sekwestratarju tas-somma minnu dovuta lis-sekwestrat, u li tkun ġiet sekwestrata f'idejh, jekwivali għal pagament. Għal dan il-prinċipju jista' jkun hemm eċċezzjoni fil-każ li kien hemm terminu favur id-debitur sekwestrat. U l-fatt li s-sekwestru, għal xi raġuni jew oħra, ma jkunx effikaċi aktar, ma jfissierx li s-sekwestratarju li jkun iddepożita b'effett tas-sekwestru jista' jerġa' jiġi kostrett iħallas.*

*Is-sekwestratarju ma jistgħax jarbitra u jiddeċidi hu jekk is-sekwestru kienx sewwa jew le; u sakemm ma jirċevix ordni divers mill-Qorti li ħarġet is-sekwestru, hu għandu jżomm f'idejh il-ħaġa jew flus sekwestrati jew jiddepożitahom; u għalhekk is-sekwestratarju ma jistgħax jiġi kostrett iħallas mill-ġdid fuq il-motiv li s-sekwestru kien null u li għalhekk anki d-depożitu minnu magħmul kien null.*

Il-Qorti;— Rat it-talba quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut li jħallas £10 għal sena kera tal-fond urban no. 6 Strada Santa Caterina, Żejtun, mit-8 ta' Diċembru, 1954 sas-7 ta' Diċembru, 1955; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Marzu, 1956, li biha rrespinġiet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi ma hemmx kuntrast illi l-konvenut jikri minn għand l-attur il-fond "de quo" bl-£10 fis-sena, li jitħallsu bit-tliet xhur bil-quddiem. L-anqas hemm kuntrast illi l-konvenut kien irċieva f'idejh mandat ta' sekwestru maħruġ mill-Qorti tal-Appell għad-domanda ta' Giuseppe Fenech kontra l-attur fis-26 ta' Lulju, 1954, u li l-konvenut iddepożita taħt l-awtorità ta' dik il-Qorti l-kera li għalaq fis-17 ta' Settembru, 1954, ċjoè l-ewwel skadenza maturata wara li ġie maħruġ il-mandat ta' sekwestru, u li baqa' jiddepożita l-kera li skada in segwitu sal-iskadenza maturata fis-17 ta' Gunju, 1955, cjoè il-kera maturat sas-6 ta' Settembru, 1955, kif jirriżulta miċ-ċedoli ta' depożitu eżibiti in kopja mill-konvenut;

Jirriżulta illi, meta għalaq il-kera fis-7 ta' Settembru, 1955, il-konvenut ħallas £2.10.0 lill-attur, u dan irrilaxxja riċevuta li tagħha hija eżibita kopja, fejn l-attur iddikjara li rċieva dawn il-flus "a conto dei fitti dovuti dal 7 Settembre 1954". Mis-sekwenza taċ-ċedoli u tar-riċevuti eżibiti mill-konvenut jirriżulta illi dan l-pagament kien ikopri — salva l-pretensjoni ta' l-attur illi d-depożiti li għamel il-konvenut ma kienux validi — il-kera mit-8 ta' Settembru, 1955 sas-7 ta' Diċembru, 1955;

Ma hemmx kuntrast illi l-mandat ta' sekwestru ġie

revokat fil-5 ta' Novembru, 1955, u l-konvenut ġie notifikat b'kontromandat;

Posti dawn il-fatti, l-attur jippretendi illi, billi l-mandat ta' sekwestru kien ġie ottenut nullament minn Fenech, għax ma setgħax jiġi maħruġ mill-Qorti ta' l-Appell, il-konvenut ma kellux jgħaddi għad-depożitu tas-sommom sekwestrati għandu, u jekk għamel hekk mingħajr ma kien irċieva l-inġunzjoni biex jiddepożita, dawk id-depożiti huma nulli u ma jilliberawhx di fronti tiegħu, jew inkella huwa responsabbli għad-danni, billi huwa aġixxa oltre l-limiti tad-drittijiet tiegħu għat-termini ta' l-art. 1073 tal-Kodiċi Ċivili;

Jirriżulta illi d-depożiti saru kollha fil-perijodu meta l-mandat kien għadu *in vigore*, u jirrigwardaw kollha skadenzi maturati fl-istess perijodu, u li l-konvenut ma ddepożitax ebda skadenza li għalqet wara r-revoka tal-mandat;

Skond l-art. 380(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, is-sekwestratarju jista' jiddepożita l-Qorti l-flus sekwestrati, jekk hu ma jkunx irid jibqa' jżomm għandu l-flus sekwestrati; u tabilħaqq, anki fil-formola li tiġi notifikata lis-sekwestratarju (no. 19) jingħad illi lilu qiegħed jiġi ordnat illi *jżomm f'idejh* sekwestrati, jew iqiegħed il-Qorti, l-oġġetti sekwestrati. Għalhekk ma hux eżatt dak li ssottometta l-attur illi l-konvenut kellu jistenna l-inġunzjoni li jiddepożita; għaliex wara din l-inġunzjoni huwa obligat jiddepożita, iżda meta jirċievi s-sekwestru għandu d-dritt, u anki l-interess, li jeżimi ruħu minn kwalunkwe eventwali responsabbiltà, speċjalment meta l-oġġetti sekwestrati jkunu, per eżempju, ta' natura deperibbli, illi ma jibqgħax iżomm għandu l-oġġett sekwestrat. Ma hux ċertament dmir tas-sekwestratarju illi jindaħal fin-nullità jew validità tal-mandat, ħalli jara l-ordni li jkun irċieva kienetx nulla jew le;

Illi l-art, 1073 ċitat mill-attur ma jirċevix applikazzjoni; għaliex is-sekwestratarju li jiddepożita flus sekwestrati ma jkunx qiegħed jeżerċita d-dritt tiegħu oltre l-limiti;

u min jeżerċita leġittimament dritt tiegħu ma jkunx responsabbli tad-danni (ara App. Inf. 28 ta' Gunju 1948, ("Portelli vs. Cutajar"). U tabiħaqq, *id-dannu talvolta soffert* mill-attur ma ġiex kaġunat mid-depożiti tal-konvenut, imma mill-otteniment tal-mandat nullament minn Giuseppe Fenech, skond il-prinċipju "causa causae *est* causa causati";

Illi għalhekk il-kera dovut lill-attur sas-6 ta' Settembru 1955 jinsab regolarment depożitat, u dak tat-trimestru sas-6 ta' Diċembru 1955 ġie mħallas lill-attur; u għalhekk dan mhux kreditur f'ebda somma għall-perijodu ndikat fl-avviż;

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab ir-revoka tassentenza fuq imsemmija, u li jiġu akkolti t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż;

***Omissis;***

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-kawża *huma miġjuba* fis-sentenza appellata, u ma hemmx bżonn jiġu ripetuti;

Kif deher mid-dibattitu, il-gravami tal-appellant huma sostanzjalment dawn:—

1. Il-konvenut aċċetta l-imputazzjoni "a conto dei fitti dovuti dal 7 Settembre 1954" (recte 1955), li kopja tagħha hemm fol. 17 tergo;

2. Peress li rriżulta *li* s-sekwestru ġie maħruġ minn Qorti inkompetenti, għalhekk anki ċ-ċedoli ta' depożitu li għamel *il*-konvenut kienu nulli; għaliex saru in konsegwenza *ta' att null* (l-attur iċċita l-art. 95 u 792 (b) tal-Kap. 15);

3. L-Ewwel Qorti rrespinġiet id-domanda tiegħu li jippreżenta *nota* ta' osservazzjonijiet;

4. *Il-konvenut kien imissu astjena mid-depożitu* sakemm ma rċeviex l-inġunzjoni biex jiddepożita, speċjal*ment li bid-depożitu* tal-kera f'somma relattivament żgħira f'Qorti *Superjuri, din is-somma ġiet konsiderevolment* assottiljata bid-diflalk tal-ispejjeż;

Biex jiġu valjati dawn l-aggravji hu xieraq li jiġu esposti xi prinċipji "in subjecta materia", li huma dawn:—

(a) B'liġi espressa (art. 380 (3) Kap. 15), is-sekwes-

tratarju, għad li ma għandu ebda obligu jiddepożita qabel ma jirċievi l-intima msemmija fl-ewwel subartikolu tal-artikolu ċitat, jista' però jiddepożita, jekk irid;

(b) Jekk is-sekwestratarju jagħmel id-depożitu, dan għandu jsir fil-Qorti li minnha s-sekwestru ġie spedit. Qalet il-Qorti tal-Kummerċ in re "Falzon vs. Mercieca et.", 15 ta' Jannar 1898, Vol. XVI-III-61, Imħ. Dr. Paolo Debono:—"E' di indubitabile diritto che di regola il deposito di ciò che il sequestratario deve al sequestrato va fatto nel tribunale del sequestro";

Minn dawn iż-żewġ prinċipji jidher ċar li r-raba' gravam ma hux fondat; għax min jipprevalivxxi ruħu minn dritt li tagħtieh il-liġi ma jistgħax jiġi nkolpat bl-eżerċizzju ta' dak id-dritt, u għax il-konvenut ma kienx liberu jiddepożita fejn jagħżel hu, imma kellu jiddepożita fil-Qorti li ħarġet is-sekwestru;

(c) Il-Qorti mhix tenuta taċċetta noti ta' osservazzjonijiet (ara sent. Prim'Awla in re "Busuttil vs. Mercieca", 15 ta' April 1950, Vol. XXXIV-I-410). Hu għalhekk bla sostenn it-tielet gravam tal-appellant, molto pjù li f'dan il-każ il-permess li tiġi preżentata n-nota ġie mitlub wara li t-trattazzjoni kienet konkjuża, kif jidher mid-digriet tal-Maġistrat sedenti in Prim'Istanza. Del resto, ebda aggravju ma hu qiegħed isofri l-appellant; għaliex quddiem din il-Qorti hu għamel l-osservazzjonijiet kollha li deherlu spedjenti jissottometti lill-Qorti; u kwantu għad-deduzzjoni tiegħu kontenuta fir-rikors fol. 22, għamel din id-deduzzjoni wkoll fid-dibattitu quddiem din il-Qorti, tant li tikkostitwixxi l-gravam fuq elenkat bħala t-tieni wieħed;

Kwantu għall-kopja tas-sentenza li l-attur ried jippreżenta b'dak ir-rikors, trattandosi ta' riferenza għal sentenza tal-istess Qorti, ma hemmx bżonn tiġi preżentata kopja, u l-Qorti tista' teżamina dik is-sentenza, kif fil-fatt eżaminatha. Dan skond il-ġurisprudenza in propożitu. Qalet infatti din il-Qorti, Sede Superpuri, in re "Borg ne. vs. Milanesi", 24 ta' Novembru 1922:— "E' pratica consacrata dall'uso, e generalmente ammessa nei nostri tribunali, di considerare come debitamente prodotto un documento, quando esso si

trova esibito nel Registro della Corte innanzi alla quale si agisce, e si fa allo stesso riferenza......";

(d) Id-depożitu li jagħmel is-sekwestratarju tas-somma minnu dovuta lis-sekwestrat, u li tkun ġiet sekwestrata f'idejh, jekwivali għal pagament. Jista' jkun hemm eċċezzjoni għal dan il-prinċipju fil-każ li kien hemm xi terminu favur id-debitur sekwestrat (kreditur tas-sekwestratrju) — eċċezzjoni li f'dan il-każ ma tirrikorrix, għax il-kera depożitat kien skada (arg. sent. Kummerċ "Mizzi vs. Downs", 31 ta' Ottubru 1893, Vol. XIII, prima colonna, paġ. 605);

(e) Il-fatt li s-sekwestru għal xi raġuni ma jkollux effett aktar ma jfisserx li s-sekwestratarju li jkun iddepożita b'effett tas-sekwestru jista' jerġa' jiġi kostrett iħallas (arg. sent. App. "Azzopardi vs. Hasan", 2 ta' Gunju 1876, Vol. VII paġ. 586);

(f) Is-sekwestratraju ma jistgħax jarbitra u jiddeċidi hu jekk is-sekwestru hux sewwa jew le. Kif qalet il-Prim' Awla Ċivili in re "Axisa vs. Gatt nomine", 7 ta' April 1902, is-sekwestratarju ma jistgħax "costituirsi giudice tra il creditore e il debitore usurpando le funzioni del potere giudiziario";

(g) Sakemm is-sekwestrarju ma jirċevix ordni divers mill-Qorti li ħarġet is-sekwestru (kontromandat), hu għandu jibqa' *jżomm f'idejh il-ħaġa jew flus sekwestrati*, jew jiddepożitahom. Tant hu l-ordni tal-Qorti, kontenut fil-formola relattiva nru. 19, annessa għall-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili b'dawn il-kliem "........ li *jżomm* għandu sekwestrata sakemm jagħlaq iż-żmien li fih dan il-mandat jibqa' jseħħ skond il-liġi, jew sakemm jingħata ordni ieħor, jew li jqiegħed fir-Reġistru ta' din il-Qorti Tagħna........";

Minn dawn l-aħħar erbgħa prinċipji jiġi li huma infondati l-ewwel u t-tieni gravam; għaliex (apparti li l-aċċettazzjoni ta' l-imputazzjoni ma ġietx soddisfaċentement pruvata, u li tifel tal-konvenut ma kellu ebda mandat biex jaċċettaha, imma biss biex iħallas il-kera ta' l-aħħar rata skaduta), fi kwalunkwe każ ma setgħetx issir imputazzjoni għal rati li bid-depożitu kienu ġew ġa validament imħallsa. Jekk is-sekwestrarju ma jistgħax jarbitra, kif fuq ingħad,

dwar jekk is-sekwestru hux sewwa jew le, u jekk għalieh is-sekwestru jibqa' jseħħ sakemm ma jirċevix kontro-mandat, dan jimporta neċessarjament li di fronti għas-sekwestrarju n-nullità tas-sekwestru hi operattiva biss mid-data li fiha s-sekwestrarju jirċievi l-kontro-mandat jew, komunkwe, ordni ieħor tal-Qorti. Sakemm ma jirċevix ordni ieħor tal-Qorti, hu jżomm jew jiddepożita l-flus validament;

Is-sentenza appellata hi, għalhekk, sewwa;

Għal dawn il-motivi, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.